MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1021/2013

**Robert Hornyold Strickland detentur tal-Karta ta 'identita` numru 0312013(L)**

**vs**

**Saviour Sammut**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Robert Hornyold Strickland datat 24 ta' Ottubru 2013 fejn espona: -

Illi l-esponenti huwa sid ta' terz indiviz ta' ghalqa maghrufa bhala "Taz-Zebbug" u li tinsab go Mosta Road, fil-limiti ta' Hal-Lija, liema ghalqa ghandha kejl superficjali ta' circa ghaxart itmiem, liema art hija identifikata ahjar fil-pjanata hawn annessa u mmarkata bhala Dok RHS1.

Illi s-sehem indiviz tal-art imsemmija giet ghand l-esponenti *tramite* wirt, minghand iz-zija tieghu l-Onor. Mabel Strickland, illi kienet akkwistat s-sehem fis-17 ta' April 1952 wara illi din kienet inbieghet bis-subbasta.

Illi z-zewg terzi tal-ghalqa imsemmija kienet giet mikrija lill-Onor. Mabel Strickland.

Illi xi zmien ilu l-intimat kien inghata d-dritt illi jokkupa parti mill-art imsemmija u dana b'mera tolleranza.

Illi l-parti mill-ghalqa okkupata mill-intimat hija dik indikata bil-kulur blu fuq il-pjanta esebita bhala Dok RHS1, u li ghandha l-kejl superficjali ta' 1,445 metri kwadri.

Illi l-esponenti dejjem kellu access ghall-ghalqa imsemmija u dana ghaliex l-istess tinsab fuq wara ta' "Villa Parisio" u cjoe` r-residenza tal-esponenti, u difatti hemm trejqa illi tghaddi minn gol-ghalqa imsemmija u tibqa' sejra sa bieb illi kien hemm fuq il-wara tal-villa.

Illi dan l-access dejjem kien wiehed liberu u minghajr xkiel. Xi zmien ilu tpoggiet katnazz fuq *gate* illi hemm u li tghati ghat-trejqa imsemmija, u meta l-esponenti talab kopji tac-cavetta relattiva huwa inghata kopja tal-istess minn wiehed mill-bdiewa.

Illi ftit tax-xhur ilu, fuq parir tal-avukat tieghu, u dana anki ghaliex kemm l-esponenti kif ukoll l-intimat diehlin fl-eta', l-esponenti kien avvicina lill-intimat fejn talbu illi huwa xtaq illi ssir skrittura privata bejnithom u dana biex ma jkunx hemm problemi mal-eredi taghhom f' kaz illi xi wiehed minnhom jigi nieqes.

Illi l-intimat ma sab ebda problema, u kellu jsir biss appuntament biex jigi ffirmat il-ftehim.

Illi b'sorpiza kbira ftit tal-granet wara l-esponenti rceva ittra minghand l-avukat tal-intimat li kienet tghid illi l-intimat kien qieghed jivvanta illi huwa kien is-sid tal-porzjon tal-art okkupata minnu, u li kien akkwista l-istess bil-preskrizzjoni akkwizittiva, u ftit tal-granet wara sar katnazz fuq l-*gate* illi tghati ghall-art kollha kemm hi.

Illi rinfaccat b'din is-sitwazzjoni, u billi ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-akkwisit ta' propjeta' bil-mezz tal-preskrizzjoni, l-esponenti ma kellux triq ohra ghajr illi jinterpella lill-intimat sabiex jizgombra mill-art, u billi l-intimat baqa' inadempjenti kellha tigi intavolata l-kawza odjerna.

Illi ghar-ragunijiet imsemmija l-intimat qieghed jokkupa l-art deskritt ahjar fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala Dok RHS1, minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi ghalhekk jissussistu r-rekwiziti ta' dak kontemplat fl-artikolu 167 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-intimat ghandu jigi zgumbrat mill-art imsemmija apartenenti lill-esponenti.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex,

1 Taqta' u tiddeciedi il-kawza *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

2. Tiddikjara illi l-intimat qieghed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi dik il-porzjon tal-ghalqa maghrufa bhala "Taz-Zebbug" li tinsab go

Triq Mosta fil-limiti ta' Hal-Lija u li hija indikata bil-kulur blu fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala Dok RHS1;

3. Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju illi ghandu jigi ffissat lilu minn din l-Onorabbli Qorti jivvaka l-ghalqa imsemmija u dana taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi - kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi. B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti senjatament dik ghad-danni u kumpens sakemm fattwalment il-pussess tal-propjeta' tirriverti lura lir-rikorrenti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-22 ta' Awwissu 2013 kontra l-intimat li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013.

Rat ir-risposta guramentata ta' Saviour Sammut datata 28 ta' Novembru 2013 (fol 12) fejn espona: -

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi huwa ilu jokkupa l-fond in kwistjoni u qablu l-mejjet missieru Salvatore Sammut ghal iktar minn tletin sena u la qatt hallas qbiela u/jew kera lil xi hadd u li dejjem iddetjenew il-fond bhala taghhom *animo domini* u dan ghal iktar minn tletin sena.

2. Illi tul dawn l-ahhar hamsa u erbghin sena, huwa dejjem jiftakar imur fl-ghalqa in kwistjoni jahdmu din l-istess raba'. Biswit din l-istess raba', huwa dejjem jiftakar jahdmu l-ghelieqi tad-dintorni lil Elia Sammut u Salvu Zammit li ghandhom access mill-istess xatba fit-Triq

il-Mosta, Lija.

3. Illi mhux minnu illi l-attur qatt ghadda mill-ghalqa in kwistjoni *stante* illi l-bieb fuq Villa Parisio, Triq Mable Strickland, Lija, huwa mbarrat bil-gebel min-naha ta' l-istess gnien ta' Villa Parisio, li taghti ghal ghalqa in kwistjoni biex b'hekk l-attur la ghandu u la qatt kellu access ghal din l-ghalqa.

4. Illi *in oltre'* l-katnazz fuq il-*gate* fuq in-naha ta' barra ta' l-ghelieqi in kwistjoni li minnu jaccedu ghal ghelieqi taghhom Elia Sammut u Saviour Zammit flimkien mieghu, ilu mqieghed ghal dawn l-ahhar sittax-il sena *stante* illi l-access ghal dawn l-ghelieqi huwa biss ta' l-intimat, ta' Elia Sammut u ta' Saviour Zammit.

5. Illi galadarba r-rikorrent ma jippretendix illi huwa sid ta' l-art kollha kif huwa stess jiddikjara fir-rikors guramentat tieghu, huwa ma jistax jipprocedi ghall- izgumbrament ta' l-intimati mill-ghalqa in kwistjoni ghax la jista' jipprova d-dominju tieghu u fl-aghar ipotezi, jippretendi illi ghandu biss terz indiviz ta' l-istess ghalqa.

6. Illi *ai termini* tal-gurisprudenza, l-intimat indipendentement minn natura tal-pussess tieghu, li f’ dan il-kaz huwa bbazat fuq titolu ta' proprjeta', bil-preskrizzjoni trentennali, ghandu dritt jirrikjedi l-prova tal-proprjeta' mir-rivendikant - *Vide* **Abela vs. Gauci** - Vol VIII - Page 367 - haga li l-attur ma jistax jipprova *stante* illi *sua sponte* jippretendi illi huwa biss terz indiviz proprjetarju tal-proprjeta' in kwistjoni li jghid li wiret minghand Mable Strickland, u skont l-istess gurisprudenza, jekk jirrizulta illi hemm l-inqas dubju dwar it-titolu pretiz mir-rivendikant u l-proprjeta' tieghu, il-Qorti ghandha ssostni l-possessur (*vide* sentenza **A. Fenech et vs**

**F. DeBono** - deciza mill-Qorti ta' l-Appell 14.05.1935 - Vol. XXXIX - Part II - Page 488; **Paul Agius et vs Michael Scicluna** - deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ottubru 2001; **Doris Farrugia et vs. Alfred Galea et** - Deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju, 2011.

7. Illi l-grad tal-prova fl-*actio rei vendicatoria* hi grafikament deskritta mill-atturi bhala l-prova diabolika tant illi hu mehtieg li tkun univoka u konklussiva u li jrid jipprova li l-attur rivendikant ghandu d-dominju fuq il-haga li huwa jrid jirrivendika u li huwa akkwista dak id-dominju legittimament b' titolu car u preciz mill-antekawza tieghu u l-konvenut kien jippossedi dik il-haga - *vide* **Vol. XXXV - Part II** - Page 518; kif ukoll *vide* - **Laurent Vol VI - Para. 59 Baudrv Lacantinerie - Beni - Para. 235.**

8. Illi l-intimat dejjem zamm il-proprjeta' *animo domini* u pposseda din l-ghalqa ghal iktar minn tletin sena, liema pussess tieghu kien car u inekwivoku u qatt hadd ma ddisturbah f'dan il-pussess minkejja li l-attur kien jghix biswit il-proprjeta' ta' l-intimat u ghalhekk kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell, fil-kawza **Antonio Pace vs. Rev. Henry Abela** - deciza fis-7 ta' Lulju, 2004 it-titolu ta' proprjeta' tieghu ma jistax jigi attakkat mill-attur li la qed isostni li huwa proprjetarju tar-raba' in kwistjoni imma qed jippretendi illi huwa proprjetarju ta' terz indiviz ta' din ir-raba' haga li huwa qatt ma sostnieha qabel ma nfethu dawn il-proceduri, anzi minkejja li kien joqghod biswit din ir-raba' in kwistjoni, huwa qatt ma ppretenda illi huwa sid ta' din l-ghalqa in kwistjoni tant li kull access min-naha tal-Villa tieghu huwa mbarrat ghal din l-ghalqa in kwistjoni u qatt ma attakka t-titolu ta' l-istess intimat li qatt ma hallas qbiela u/jew xi kumpens iehor lill-istess attur u/jew l-ante kawza tieghu.

9. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ April 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Stefan Camilleri u Dr. Edward Debono. Dr. Camilleri prezenta nota b'affidavit ta' Profs Joseph Maximillian Ganado. Dr. Edward Debono irrileva li skont id-dokument li gie pprezentat ma' l-affidavit ta' l-attur, jirrizulta li d-drittijiet u l-obbligi fuq l-eredita` tal-mejta Onor Mabel Strickland ivestu fil-Profs. Max Ganado u ghalhekk il-kawza kif intavolata, l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li huwa l-istess ezekutur testamentarju li talvolta setgha jipprezenta l-kawza odjerna, u ghalhekk talab li tigi prezentata risposta guramentata ulterjuri. Rifferibbilment ghal din it-talba din il-Qorti rat li r-raguni ghal awtorizzazzjoni mitluba qamet wara l-esebizzjoni tal-estratt mit-testament ta' l-Onor Mabel Strickland u ghaldaqstant awtorizzat lill-intimat sabiex iressaq risposta guramentata ulterjuri fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan id-digriet. Dr Debono ta ruhu b'notifikat bl-affidavit ta' Profs Joseph M Ganado u irriserva kontro ezami u talab ukoll li jigu esebiti mill-attur kopja awtentikata tal-approvazzjoni mehtiega mill-Qorti kompetenti ghal ezekutorja ta' l-imsemmi Profs J M Ganado u Prof Guido de Marco. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-risposta guramentata ulterjuri u ghall-esebizzjoni tad-dokumenti mitluba ghas-26 ta' Gunju 2014 fid-9:30a.m.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ Saviour Sammut (KI 388360M) datata 6 ta’ Mejju 2014 (fol 41) fejn espona: -

Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-azzjoni odjerna ma tispettax lilu imma *se mai* lill-ezekuturi testamentarji tal-mejta Onorevoli Mabel Strickland ossija Professur Joseph Max Ganado skont digriet numru 674/89 fejn flimkien mal-kompjant Professur Guido de Marco huma kienu talbu li jigu konfermati bhala tali taht dawk il-

provvedimenti li s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili dehrilha xierqa u opportuna, liema nomina giet ikkonfermata fis-7 ta' Lulju 1994 u ghalhekk kif jirrizulta mit-testment tal-imsemmija Mabel Strickland, l-amministrazzjoni ta' l-assi u l-esekuzzjoni tad-dispozizzjonijiet testamentarji tal-imsemmija testatrici jappartjenu pjenament f'idejn it-tali ezekuturi li effettivament it-testatrici innominat, illum f'idejn il-Professur Joseph Max Ganado u dan *stante* li testwalment ikkonferitilhom is-segwenti: *"conferred upon testamentary executors the power to administer the assets appertaining to my estate and to fully execute the dispositions of the present will."* Konsegwentement l-attur m'ghandux *'locus standi judici'* u ghalhekk l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* l-poteri ampji li gew moghtija lill-ezekuturi min-naha tat-testatrici jinkludu wkoll l-amministrazzjoni tal-beni u assi kollha tal-wirt inkluz l-immobbli minghajr ebda restrizzjonijiet biex b'hekk l-azzjoni odjerna messha giet intavolata mill-istess ezekutur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Stefan Camilleri ghar-rikorrent prezenti u Dr Edward Debono ghall-konvenut prezenti. Id-difensuri tal-partijiet ghal kull *buon fini* qablu li l-provi li ngabru f'din il-kawza u fil-kawzi 1022/2013/LSO u 1023/2013/LSO ghandhom jghoddu bhala provi ghal dawn it-tlett (3) kawzi. Xehed ir-rikorrent b'referenza ghax-xhieda diga` moghtija fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 biex jaghmel xi korrezzjonijiet u wara kompla l-kontro-ezami tieghu bil-gurament, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Edward Debono u Dr Stefan Camilleri trattaw l-eccezzjoni ulterjuri, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema elettronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni ghall-10 ta' Marzu 2015, fid-9:30 am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din is-sentenza qed tinghata fir-rigward tal-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-intimat fir-Risposta ulterjuri fejn jippretendi li l-attur, *qua* eredi, m'ghandux il-vesti legali biex jesperixxi din il-kawza, li missha giet intavolata mill-ezekutur testamentarju. Konsegwentement jghid li l-attur m'ghandux il-*locus standi judicii* f'din il-kawza u li ghalhekk l-istess intimat ghandu jigi liberat *ab observantia*.

Jirrizulta mill-kopja tat-testment sigriet tal-mejta Onorevoli Mabel Strickland,[1] ricevut minn Nutar Dottor Joseph Cachia fil-11 ta' Awissu 1979[2] u esebit bhala **Dok RHS1** a fol.20 tal-process, li permezz tad-Disa Artikolu tal-istess, hi innominat lill-Professur Joseph Max Ganado u lill-kompjant Professur Guido Demarco ezekuturi testamentarji "*conferring upon them all the powers usually conferred upon Testamentary Executors and the power to administer the assets appertaining to my estate and to fully execute the dispositions of the present will."* F'kaz li wiehed minnhom ma jkunx jista' jaqdi l-inkarigu tieghu, hi ddisponiet li l-ezekutorija tvesti esklussivament f'idejn l-ezekutur l-iehor bhala *sole executor* u ghalhekk illum l-ezekutorija hija fdata unikament f'idejn il-Professur Joseph Max Ganado.

[1] Li mietet fid-29 ta' Novembru 1988
[2] *Vide* l-attestazzjoni tan-Nutar Joseph Sciriha a fol 25 tal-process.

It-testment addizzjonali datat il-21 ta' Mejju 1982 ma giex esebit u ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni fir-rigward tar-rilevanza ta' dan l-ahhar testment ghall-kwezit odjern.

Jirrizulta mhux ikkontestat li b'Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili Numru 674/89 tas-7 ta' Lulju 1994, il-Professur Joseph Max Ganado flimkien mal-Professur Guido de Marco gew ikkonfermati bhala ezekuturi testamentarji.

Skont it-testment esebit, it-testatrici iddisponiet mill-gid taghha billi halliet b'titolu ta' legat lill-*Strickland Foundation* il-proprjeta' maghrufa bhala Villa Parisio, f'Hal-Lija, kif ahjar deskritta fl-istess testment oltre hames mija u tmiena (508) ishma ordinarji fis-socjeta' *Allied Newspapers Limited,* xi legati ohra favur persuni hemm nominati u ghall-bqija istitwiet bhala eredi universali taghha permezz tat-Tmien Artikolu lill-attur odjern, Robert Hornyold Strickland soggett ghar-restrizzjonijiet u ghall-kondizzjonijiet tal-istess testment.

Illi huwa pacifiku bejn il-kontendenti li sallum, l-ezekutur testamentarju ghadu ma giex ikkwittat mill-funzjonijiet tieghu mill-Qorti kompetenti jew mill-eredi. Ir-rikorrent esebixxa xi dokumenti fl-atti tal-kawza konnessa fl-ismijiet ***Robert Hornyold Strickland v Manuel Sammut*** (Rik.Gur.1022/13LSO)[3] liema dokumenti allura jifformaw parti wkoll minn dan il-process skont il-verbal redatt quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015. Fost dawn id-dokumenti hemm rikorsipprezentat mill-mandatarju tieghu Francis Naudi fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fejn qed jippremetti li l-ezekutur

[3] Nota datata 21 ta' Novembru 2014 a fol.33 sa 68 tal-process.

testamentarju adempixxa l-mansjoni tieghu fl-intier u li ghalhekk qed jitlob: (1) li jaghti rendikont ghall-perjodu shih tal-amministrazzjoni tieghu wahdu u konguntament mal-kompjant Professur Guido Demarco; (2) jaghlaq u jittermina l-istess amministrazzjoni u jaghti rendikont finali tieghu; u (3) jghaddi lir-rikorrent d-dokumenti rilevanti li jirrizultaw fil-pussess tieghu.

Il-**Maggur Francis Naudi** xehed[4] li bhala prokuratur tal-attur rcieva il-kotba tal-mejta Mabel Strickland mis-sena 1993 u beda jircievi hu l-kirjiet dovuti lill-attur. Dan gie kkonfermat mill-attur fejn, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015 xehed li "*All of the property belonging to me has been handled by my cousins on my behalf*" u li, inoltre, "*The property ledgers and all the files were passed over in June 1995."* Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014[5] xehed li l-Professur Ganado "*is still signing documents...The property that is passed on to me I sign for...The estate is still in dispute, certain aspects of the estate. Most of the property has been passed on to me"*. Sussegwentement xehed li "*The files to do with the executorship which , there is something like 28 files, have not yet been passed on to me because the executorship is still open..I have the property files"* u rrefera ghall-Dok RHS3 li hu estratt minn dawn il-*ledgers*. Xehed ukoll li intavola diversi kawzi f'ismu wara li mietet it-testatrici fir-rigward tal-proprjetajiet li wiret minnha. Madanakollu fuq mistoqija tal-Qorti ammetta li l-kwistjoni rigwardanti l-ezekutorija sollevata f'din il-kawza ma tqajmitx fil-kawzi l-ohra.

**Dritt**

[4] Affidavit a fol.35 u 36 tal-process
[5] Fol 47 et seq.tal-process.

**Ikkonsidrat** li l-istitut ta’ ezekutur testamentarju huwa regolat bid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kodici Civili (**Artikolu 762 sa Artikolu 778**) u li l-iskop tal-istitut hu sabiex jigi zgurat l-esekuzzjoni tal-volonta' tat-testatur anke kontra l-volonta' tal-eredi. Billi l-konferma tieghu tigi sancita mill-qorti kompetenti, hekk wkoll r-rimossjoni u s-sostituzzjoni tieghu tehtieg l-istess approvazzjoni ta’ dik il-Qorti.

Inoltre skont l-**artikolu 836 tal-Kodici Civili ta' Malta** "*Il-pussess ta’ ħwejjeġ il-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b’mod ta’ kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew leġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt."*

**L-awtur Baudry - Lacantinerie** fl-istudju *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civili, Dei Donazioni Fra Vivi e dei Testamenti*[6], jghid hekk: "*secondo i principi di diritto, l'erede e' l'esecutore naturale a legittimo del testamento e l'esecutoria non e' che un uffizio di fiducia e gratuito, la quale non ha diritto di ingerirsi nele cose ereditarie oltre quanto e ' disposto nel testamento."*

L-istess principji jsibu l-espressjoni taghhom fil-**Giurisprudenza sul Codice Civile,** Cremona, (Vol.III, p.520 et.sequitur) testwalment "*Tra le facolta' di un esecutore con o sensa amministrazione, non si comprende quella di impossessarsi di tutti i beni ereditari, di spossessarne gli eredi, e di continuare ad amministrarli esclusivamente finche' si facesse luogo alla divisione. Il diritto d'amministrare i beni del testatore che colla sua morte diventano , in virtu di tramissione, beni propri degli eredi, appartiene in comune a costoro; solo quando il patrimonio fosse torbido, un testatore suole provvedere per la sua amministrazione, finche' fosse sistemato, depurato_dalle sua passivita', deputando a tale effeto un*

[6] Para 2582 et.seq.

*amministratore. La semplice nomina, pero' di un esecutore non potrebbe riferirsi che all'esecuzione di quegli atti nominatamente espressi nel testamento, e specialmente a quelli ce devono esere soddisfatti immediatamente dopo la morte del testatore, come funerali ed accessori e pagamento di legali -* **Pothier** *"Testamenti e Donazione" -Num. 125 (P.A. 4 Jan. 1882).*

Skont il-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, l-ezekutur testamentarju hu kkonsidrat bhala mandatarju *(sui generis)* li ghandu jzomm ruhu fil-limiti ta' l-inkariku tieghu u m'ghandux ebda fakolta' ohra, hlief dawk necessarji ghall-adempiment tad-disposizzjonijiet testamentarji. Ghalhekk skont sentenza ta' l-Appell in re **Falzon v Sciberras** tas-27 ta' Ottubru 1990, l-ezekutur ma jista' jibda ebda kawza "*non necessaria per l'esecuzione del testamento."* Dawn il-principji jinsabu riportati wkoll mis-sentenza moghtija mill-istess Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1958 in re **Philip Sammut v Ersilia Zahra**

Skont is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, per. Edoardo Magri J. in re **Amante Scicluna noe v Teresa armla Abela**- dec. fit-28 ta' April 1965 - Kollezz. XLIX.II.889)**,** l-azzjoni ghar-ripresa pussess ta' fond enfitewtiku kienet tikkompeti lill-eredi u mhux lill-ezekutur testamentarju. B'hekk kien isegwi wkoll li ezekutorija *sic et simpliciter* "*non si comprende quelle della rappresentanza dell'eredita".*(**D. Azzopardi v Dr. A. Fabri *nomine*-** App.Civ.22 ta' April 1932- Kollez.Vol. XXVIII.I.736.)

Fil-kaz **Loris Bianchi pro et noe v Elenita Zammit** (14 ta' Frar 1995) il-Qorti ta' l-Appell wara li irribadiet li "*Huwa ormai stabbilit mid-dottrina u l-gurisprudenza illi ezekutur testamentarju huwa mandatarju kemm tad-decujus kif ukoll tal-werrieta tieghu"* traccjat l-origini tal-istituzzjoni fejn sabet li "*Laurent jispjega illi l-esekuzzjoni testamentarja hija mandat li l-*

*uzanzi Francizi u l-kodici civli organizzaw minghajr ma taw kaz tad-dritt komuni, u li ghalhekk ghandu karatteristici specjali: fl-ewwel lok, l-ezekutur jigi nominat waqt li t-testatur ikun ghadu haj; l-ezekuterija tigi accettata wara mewtu u ghalhekk hawnhekk ghandna kuntratt li fih m'ghandniex il-konkors tal-kunsens tal-partijiet, ovvjament bejn tnejn min-nies hajjin. U fit-tieni lok, l-ezekutur huwa mandatarju impost fuq il-werrieta, biex jamministra l-wirt moghti lihom, ghan-nom taghhom, izda mhux kif iridu huma. B'danakollu, xorta wahda l-ezekuterija testamentarja hija mandat, aljen ghad-dritt Ruman, ghax naxxenti minn uzanzi Francizi."* Huwa minnu li l-Qorti, f'din l-ahhar kawza, wasslet ghall-konkluzjoni opposta ghal dik misjuba f'**Scicluna v Abela**, izda l-konfliggenza hija biss apparenti billi fil-kaz **Bianchi v Zammit,** il-Qorti tal-Appell, wara li ccitat b'approvazzjoni l-principji enunzjati fis-sentenza **Scicluna v Abela,** sabet li fil-kaz in ezami, it-testatrici kienet vestiet lill-ezekutur b'poteri ampji u wiesgha li kienu jinkludu *inter alia* id-dritt li jbiegh l-assi mobbli u immobbli minghajr il-kunsens tal-eredi u li l-assi ereditarju jigi fdat fis-"*sole and exclusive control of the executor."* Dawn il-poteri, kif issottolinejat il-Qorti tal-Appell, huma aktar ampji minn dak li solitament jinghata lill-ezekutur testamentarju.

Fil-kaz **Joseph Attard Montalto et v Gio-Maria Borg** (PA. 19 ta April 1961) insibu enunzjat li "*Avvolja jkun hemm nominat ezekutur testamentarju mal-wirt, l-amministrazzjoni tal-wirt, u kwindi l-fakolta' li jikri l-beni tal-wirt, tibqa' nvestita fl-eredi, jekk it-testatur ma jkunx inkariga formalment lill-ezekutur testamentarju biex jamministra l-beni ereditarji sa ma ssir il-qasma."*

Fil-kaz in ezami, it-testatrici vestiet lill-ezekuturi testamentarji bil-fakoltajiet soliti li jinghataw lill-ezekuturi testamentarji kif ukoll bil-poter "*to administer the assets appertaining to my estate and to fully execute*

*the dispositions of the present will"* vuoldire gew nominati hala ezekuturi misti u mhux ezekuturi semplici (**Kollez. IX**.620).

**Ikkonsidrat** li t-talba odjerna hija wahda rivendikatoria naxxenti mid-dritt vantat tal-eredi ta' prorpjeta' ta' terz indiviz fl-art in kwistjoni. Inoltre l-attur huwa <u>l-uniku</u> eredi universali padrun assolut tal-beni kollha, mobbli u immobbli, komprizi fil-wirt tad-decujus ghajr ghal dawk imhollija b'legat skont l-ahhar volonta' taghha. Ukoll jirrizulta mhux ikkontestat li l-ezekutorija giet espletata u l-volonta' tat-testatrici imwettqa, tant li l-attur, tramite il-mandatarju tieghu il-Maggur Francis Naudi, gie mghoddi mill-istess ezekuturi d-dokumenti u *ledgers* relattivi ghall-proprjetajiet tieghu sa mis-sena 1995 u li anke amministra u istitwixxa wahdu diversi azzjonijiet gudizzjarji ghar-ripresa pussess tal-beni kompriz fil-wirt tieghu.

Madanakollu huwa minnu, kif isostni d-difensur tal-intimat, li l-ezekutur ghadu ma giex formalment liberat mir-responsabbiltajiet tieghu tieghu u difatti jirrizulta li l-proceduri ghar-reza konti u kwittanza finali tal-ezekutorija ghadhom pendenti quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni volontarja.

Izda dan, fl-fehma ta' din il-Qorti, mhuwiex ta' ostakolu ghal-legittimazzjoni attiva tar-rikorrent fil-kawza odjerna. Il-Qrati taghna huma konkordi li l-amministrazzjoni, kif ukoll, ir-rapprezentanza in gudizzju mill-ezekutur, mhuwiex minghajr limitu anzi hu eskluz meta l-att mhuwiex necessarju ghall-esekuzzjoni tat-testment.

**Ikkonsidrat** li fil-kaz odjern, l-ezekuturi nominati lanqas gew moghtija l-poter li jbieghu l-assi immobbli jew jamministrawhom ad eskluzjoni tal-

uniku werriet (*vide* kaz fuq citat **Bianchi v Zammit**) u certament mhuwiex il-kaz li r-rivendikazzjoni tal-art in kwistjoni tinsab fost dawk l-azzjonijiet necessarji ghall-esekuzzjoni tat-testment. Dan mhux biss jirrizulta fattwalment mill-istess ezekuturi li ghaddew lill-attur l-amministrazzjoni ta' dawk il-beni trasmessi lilu b'wirt, izda jirrizulta mill-konsiderazzjoni li ghajr ghall-legati, li gew imhallsa, il-wirt iddevolva fl-intier tieghu fuq eredi universali wiehed u b'hekk ma hemmx lok ta’ divizjoni.

Difatti l-ezekutur il-Prof. Joseph M. Ganado, fl-affidavit tieghu a fol. 40 u 41 tal-process, wara li jippremetti li kien hemm disgwid bejn l-eredi u l-legatarju ta’ Sitrickland Foundation dwar il-proprjeta` biswit Villa Parisio, jghid hekk:" *Id-disgwid li semmejt ma jikkoncernax l-‘olive grove’ (*l-art in kwistjoni)*. Biex inkun preciz dan id-dizgwid kien jikkoncerna l-imsemmija ‘olive grove’, izda din il-kwistjoni giet rizolta u t-terz indiviz tal-olive grove inghata lil Robert Hornyold Strickland bhala l-eredi."*

Ghaldaqstant ser tghaddi biex tichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-intimat billi mhix gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tichad l-eccezzjoni sollevata** mill-intimat fir-risposta ulterjuri tieghu tas-6 ta' Mejju 2014 u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mad-decizjoni finali.**

**Moqrija.**

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------